# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA　　STUDJI SOĊJALI (OPTION)　　ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**
**Aqra din is-silta u wieġeb f'mhux anqas minn 30 kelma kull waħda.**

Il-politika tikkonsisti f'dawk il-ħsibijiet u azzjonijiet li jieħu l-bniedem waħdu jew ma' ħaddieħor sabiex jinfluwenza l-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet li jolqtuh. Għalhekk il-politika hija dwar il-logħba tal-poter, il-ksib u t-tħaris tad-dritt li tiggverna. Imma hemm politika ukoll fuq livelli oħra, politika lokali, permezz ta' kunsilli lokali u anki politika internazzjonali permezz tal-Ġnus Magħquda, il-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Unjoni Ewropea. L-istudju tal-politika tinkludi wkoll eżami ta' dawk il-mezzi li jeżistu **f'soċjetajiet demokratiċi** li jipprovdu ħarsien lill-membri u ċittadini tagħhom mill-abbużi ta' ħaddieħor, waqt li jħeġġu l-parteċipazzjoni taċ-ċitaddini f'qafas li hu mħares mill-liġi, li jħares id-drittijiet ta' kull ċittadin u li jirrikonoxxi attivitajiet politiċi, inklużi dawk ta' **għaqdiet ta' pressjoni**. Naraw ukoll li min suppost iħares id-drittijiet ta' l-individwu xi kultant il-poter ma jamministrahx sew, ikun hemm **abbuż ta' poter**.

1. Xi tfisser meta ngħidu 'abbuż ta' poter'? Agħti eżempji ta' kif dan jista' jseħħ. (2 marki)

2. Kif inhi amministrata il-politika fuq livell nazzjonali? Semmi it-tliet istituzzjonijiet li jgħinu lill-istat fit-tmexxija nazzjonali u għid x'inhi l-funzjoni tagħhom. (4 marki)

3. X'tifhem bil-kelma kostituzzjoni? Kemm il-kapitlu fiha l-kostituzzjoni ta' Malta u għaliex hija importanti f'pajjiżna? (4 marki)

4. Illum nitkellmu dwar devoluzzjoni ta' poter. Xi rwol għandhom il-kunsilli lokali fit-tmexxija lokali tal-pajjiż? (4 marki)

5. X'tifhem b'soċjetajiet demokratiċi? Semmi ħames karatteristiċi ta' soċjeta' demokratika.(6 marki)

6. Xi rwol għandha il-Ġnus Magħquda fil-politika internazzjonali? (2 marki)

7. Liema huma l-mezzi li jistgħu jintużaw minn għaqda ta' pressjoni biex tipprova tinfluwenza lill-Gvern u l-opinjoni pubblika b'xi messaġġ partikolari? Semmi jekk tista' b'eżempji konkreti. (3 marki)

**Total 25 marka**

**Taqsima B**
**Oħroġ id-differenza bejn:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| A. | Sanzjoni Negattiva | u | Sanzjoni Pożittiva |
| B. | Soċjalizzazzjoni Primarja | u | Soċjalizzazzjoni Sekondarja |
| Ċ. | Speċjalizzazzjoni | u | Diversifikazzjoni |
| D. | Soċjetà | u | Komunità |
| E. | Bidla Soċjali Evoluzzjonarja | u | Bidla Soċjali Revoluzzjonarja |

**(20 marka)**

**Taqsima Ċ**
**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 30 kelma kull waħda.**

Diffiċli nimmaġinaw soċjetà fejn ma teżistix xi forma ta' familja. Il-familja għaddiet minn ħafna tibdiliet. Il-mara kif ukoll ir-raġel iwettqu ħidma ekonomika. Għalhekk żviluppaw modi differenti ta' kif jitqassmu l-varji responsabbiltajiet domestiċi. Jekk dan ma jseħħx, ikun hemm konsegwenzi fuq il-familja kollha, għaliex il-mara jkollha tagħmel ix-xogħol barra mid-dar u ġewwa d-dar. Il-familja ma tibqax soċjetà ta' faraġ u kenn imma ta' sfruttament. Il-Parlament Malti għadda liġi importanti fl-1993 fejn il-liġi tal-familja hija msejsa fuq il-prinċipji ta' ugwaljanza u kunsens bejn il-ġenituri.

1. Il-familja tradizzjonali għaddiet minn ħafna tibdiliet. Għaliex taħseb li seħħew dawn it-tibdiliet? (3 marki)

2. Semmi mill-anqas erba' tibdiliet li għaddiet minnhom il-familja. (4 marki)

3. X'jista jkunu l-effetti pożittivi u negattivi fuq il-familja ta' missier u omm li t-tnejn jaħdmu barra mid-dar? (5 marki)

4. Kif kienet tkun awto-suffiċjenti l-familja estiża? (4 marki)

5. Għaliex il-familja nukleari hija ċellula soċjali interdipendenti? (4 marki)

6. Spjega fuq xiex titkellem il-Liġi tal-Familja u għaliex ħalliet impatt fuq il-ħajja tal-mara? (5 marki)

**Total 25 marka**

**Taqsima D**
**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb madwar 300 kelma.**

1. L-għan ewlieni ta' l-edukazzjoni huwa t-tħejjija għall-ħajja. Iddiskuti.

2. Iddiskrivi kif il-familja tissoċjalizza l-ulied fis-soċjetà Maltija.

3. Għaliex hemm il-ħtieġa għall-kontroll soċjali f'soċjetà?

4. Kull soċjetà tgħaddi minn bidliet soċjali. Agħti eżempji ta' bidliet ekonomiċi, soċjali u politiċi li seħħew hawn Malta u ddiskuti l-fatturi li ġabu dawn il-bidliet.

5. L-ekonomija hija mqassma fi tliet setturi. Spjega kull wieħed minn dawn is-setturi u ddiskuti l-kontribut tiegħu lejn l-ekonomija Maltija.

**30 marka**